**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Angelo Pullicino**

**Kumpilazzjoni Numru: 38/17**

**Illum 4 ta' April 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza fil-konfront ta' Angelo Pullicino detentur tal-karta tal-identita' numru 95667(M) akkuzat talli:

1. Nhar id 19 t'Ottubru 2016 ghal habta tal-erbgha u nofs ta' waranofsinhar (16:30) Hrs gewwa Bahar ic-Caghaq, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car,

ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Violeta Alexe mir-Rumaija u dan ai terminu tal-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuza kif dedotta kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar elfejn u sbatax (2017) li biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-parte civile Maria Violeta Alexe hareg illi hi u l-imputat kellhom relazzjoni klandestina peress illi l-imputat kien mizzewweg ma' mara ohra. Hareg illi fid-dsatax (19) ta' Ottubru tal-elfejn u sittax (2016) hija tghid illi kienet ghadha gejja minn Milan fejn ftit taz-zmien qabel hi u l-imputat kellhom argument fuq it-telefon. Ghalhekk hi tghid illi ddecidiet illi tmur Malta sabiex

tiehu xi hwejjeg li kellha ghand l-imputat izda hu ma hadhiex tajjeb. Din tghid illi kriet karozza u marret quddiem ir-restorant tieghu Bahar ic-Caghaq. Hija cemplet lis-sieheb tal-imputat u cioe' certu Stefan sabiex jghid lill-imputat biex johrog halli tkun tista' tkellmu izda hu qalilha li ma kienx hemm. Hija tghid illi kienet taf li l-imputat kien qieghed hemm ghaliex kienet qed tara l-karozza tieghu u meta tghid illi harget mill-karozza u bdiet timxi lejn ir-restorant, rat lill-imputat hiereg jigri lejha u hi minnufih dahlet tigri fil-karrozza. Hija tghid ukoll illi l-imputat baqa' gej ghaliha fetah il-bieba tal-karrozza fejn kienet hi u beda jtiha daqqiet ta' ponn go mnieħerha. Tghid li huwa taha xi tliet daqqiet fuq imnieherha. Hija tghid illi f'daqqa u 'l-hin gew xi pulizija li kienu ghaddejjin minn hemmhekk u cemplu l-ambulanza.

Ix-xhud tghid illi hija damet lejl l-isptar imbaghad l-ghada harget ghaliex kellha appuntament mal-Ispettur Taliana. Hijaipprezentat xi ritratti tal-allegat griehi li garrbet (Dok MVA). Tghid illi sussegwentement hija marret tirkupra l-Italja fejn kienet tghix u hemmhekk ghamlet kirurgija f'imnieherha ghaliex dan gie miksur bid-daqqiet.

Hija esebiet serje ta' dokumenti ohra rigwardanti proceduri medici li sarulha l-Italja li dawn huma mmarkati Dok. MVA 3 – MVA 7.

Xehed <u>PC 1151 Carm Gatt</u> fejn jghid illi cemplulu l-ghassa tan-Naxxar mill-Control Room fejn kienet giet aggredita persuna Bahar ic-Caghaq hdejn Tony's tal-gelati. Jghid illi meta mar fuq il-post ra persuna femminili b'xi griehi go wiccha fejn kienu qed jassistuha zewg pulizija tat-traffiku. Minn hemm huwa cempel ghall-ambulanza u hadu din il-persuna l-isptar Mater Dei. Huwa jikkonferma illi din il-persuna indikatilhom li l-aggressur kien dahal gewwa r-restorant u minn hemmhekk surgent iehor 894 kompla bl-investigazzjoni (Dok. CG1).

<u>PS894 Alfred Cassar</u> xehed illi dakinhar tal-incident mar ikellem lil Angelo Pullicino li kien gie msemmi mill-allegat vittma li kien ikkagunalha griehi f'imnieherha. Huwa ha l-verzjoni tieghu fejn dan stqarr illi din Alexia Maria Violetta kienet giet ghall-gharrieda barra r-restorant tieghu fejn hu hareg jaggrediha u mbuttaha minn wiccha ghaliex ma ridhiex tidhol gewwa.

Xehdet ukoll Bobok Alina fejn din hija habiba tal-parte civile u tikkonferma illi din tal-ahhar u l-imputat kellhom relazzjoni intima fejn din tghid illi kienet tara lil Maria Alexia mhux kuntenta mieghu. Dan qed tghid ghall-perjodu ta' Awwissu elfejn u sittax (2016). Tghid illi qabel dawn kienu ghaddejjin tajjeb imma peress illi l-imputat kien dejjem jaghmlilha promessi li kienu ser ikollhom dar flimkien, kienu ser ikollhom familja flimkien u kienu ser isiefru flimkien u dan qatt ma sehh din ir-relazzjoni bdiet tisfaxxa. Ghalhekk Maria Alexia bdiet tkun depressa. Hija tikkonferma illi kienet rat lill-habiba taghha wara l-incident fuq WhatsApp video call u rat illi mnieherha kellu xi griehi.

PC33 Alexander Sellar xehed illi meta dakinhar tal-incident kien ronda l-Coast Road hu u kollega tieghu, semghu xi ghajjat gej minn hdejn Tanti tal-gelati fejn huwa jghid li zamm il-mara barra u l-kollega tieghu zamm lir-ragel gewwa r-restorant. Jghid illi wara li marru huma s-sitwazzjoni kkalmat. Huwa jghid illi nnota xi demm hiereg minn imnieher il-mara u kellha l-flokk bid-demm. Jghid illi dak il-hin meta sabuhom huma l-partijiet ma kinux qeghdin jaghtu izda d-daqqa kienet diga' hadihta l-mara.

PS1028 Christian Sciberras ikkonferma dak li kien qal il-kollega tieghu qabel PC33 Alexander Sellar u jzid illi meta l-imputat li gharaf fl-Awla, rah riesaq lejhom, dan resaq lura u qabad il-pass biex jerga' jidhol gewwa l-istabbiliment.

It-tabib Dr. Joseph Galea ikkonferma bil-gurament ic-certifikat a folio 11 tal-process u jghid illi dakinhar tad-dsatax (19) ta' Ottubru elfejn u sbatax (2017) invista lil Alexa Maria Violetta fejn iccertifika li din kellha tbengil taht l-ghajnejn kif ukoll mal-imnieher. Kien hemm ukoll devjazzjoni tal-imnieher lejn il-lemin kif ukoll il-qarquca tal-ghadma tal-imnieher min-naha ta' gewwa milwija lejn in-naha tal-lemin u nefha fuq in-naha ta' fuq tal-imnieher. Finalment kien hemm ukoll ksur tal-ghadma tal-imnieher fuq in-naha ta' gewwa b'mod sever. Ghalhekk huwa ikklassifika dawn il-griehi bhala ta' natura gravi.

Dr. Andre Mercieca xehed illi ezamina lill-parte civile l-ghada u kellha tbengil madwar ghajnejha u kellha ksur tal-ghadma tal-imnieher (Dok a folio 27).

In difeza xehed l-imputat <u>**Angelo Pullicino**</u> fejn ikkonferma li kellu relazzjoni intima mal-parte civile fejn jghid illi din bdiet ghall-bidu bhala avventura izda wara hija riedet tigi hawn Malta u riedet tibda tithallas minghandu bhalma kien ihallas lil mara tieghu. Huwa jghid illi maz-zmien huwa beda jipprova jaqta' r-relazzjoni ta' bejniethom u damu xi hmistax ma jitkellmux. Huwa jghid illi l-parte civile kienet dejjem tmur fejn kien hu izda dan ma ridhiex mieghu u ghalhekk hija bdiet theddu li kienet ser tghid kollox lill-mara tieghu. Dan kien xi Gunju ta' qabel ma sehh l-incident. Huwa jghid illi hija kienet dejjem iccempel ir-restorant u l-lavranti dejjem jghidulha li ma kienx hemm halli ma jkellimhiex. Dan jghid illi f'Gunju ghamlilha kwerela bil-miktub sabiex jittiehdu passi kriminali fil-konfront taghha (Dok. AP1).

Illi dakinhar tal-incident jghid illi meta din giet barra r-restorant Bahar ic-Caghaq, meta raha miexja lejn il-hanut huwa gera lejn il-bieb biex ma jhallihiex tidhol u l-ewwel reazzjoni li kellu li ta' daqqa bic-catt u jahseb li laqatha go mnieherha. Huwa ikkonferma li r-restorant kien ghadu mhux miftuh ghall-pubbliku ghaliex kienu ghadhom jirrangawh. Huwa ikkonferma li hallas id-danni

kollha civili lilha u fil-fatt hija ipprezentat nota li thallset pjenament.

Finalment xehdet l-**<u>Ispettur Lara Butters</u>** fejn ikkonfermat il-kwerela ipprezentata mill-imputat u li giet immarkata bhala Dok. AP1 izda fuq l-investigazzjoni ma taf xejn x'gara u l-anqas jekk ittiehdux passi fil-konfront tal-parte civile.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi mill-provi li hargu l-fatti huma ftit li xejn ikkontestati. Illi dak li l-Qorti ghandha quddiemha hija li l-imputat u l-parte civile kellhom relazzjoni klandestina pjuttost turbolenti imma daltronde normali li tali relazzjoni tkun hekk meta wahda mill-partijiet tkun mizzewwga specjalment jekk dik il-parti tkun ir-ragel. Li gara hu li l-parte civile saret xi ftit possessiva tant li riedet lill-imputat ikun taghha biss.

Issa din il-Qorti mhijiex qieghda hawn sabiex tanalizza x'tip ta' relazzjoni kellhom il-partijiet jew jekk kienx korrett li l-imputat

kellu relazzjoni extra-maritali. Dik li l-Qorti trid tanalizza huwa jekk il-komportament tal-imputat kienx tali li jikser il-ligi.

Illi hareg car illi l-komportament tal-imputat sar aggressiv meta ra l-parte civile tohrog mill-karozza u tersaq lejn ir-restorant. Dak il-hin kellu zewg possibilitajiet x'jaghmel. L-ewwel wahda hi dik li ghamel, u cioe' li johrog jaffronta lill-parte civile bil-konsegwenza li tinqala' glieda, u t-tieni possibilita' kienet li jcempel lill-pulizija immedjatament u jevita l-konfront mal-istess. Ghal xi raguni l-imputat ghazel li jaffronta lill-parte civile bil-konsegwenzi li graw wara.

Illi jekk toqghod fuq il-verzjoni tal-imputat li ta daqqa bic-catt lill-parte civile u forsi laqtilha mnieherha, din ma taghmilx sens u dan ghaliex minn ezami tac-certifikati ipprezentati minn Mater Dei jirrizultaw griehi li jmorru oltre' minn daqqa bic-catt. Certament ksur fl-ghadma tal-imnieher (u mhux il-qarquca kif ippruvat ittenni d-difiza) ma tistax possibilment issir b'daqqa bic-catt izda certament b'daqqa ta' ponn kif xehdet il-parte civile. Illi ghalhekk din il-Qorti qieghda tistrieh fuq il-verzjoni tal-parte civile bhala wahda l-aktar li ghandha mis-sewwa.

Illi fuq in-natura tal-griehi toqghod fuq dak li xehdu t-tobba ta' Mater Dei li l-griehi kienu gravi izda ma tistax tistrieh fuq ic-certifikati ipprezentati mill-parte civile li forsi kienu jiccertifikaw li l-griehi huma ta' natura gravissima stante li dawn ma gewx debitament mahlufa bil-gurament.

Illi din il-Qorti ma tistax tara kif l-imputat jista' jecepixxi xi tip ta' difiza jew tnaqqis fil-piena in sostenn tat-tezi tieghu ghaliex din il-Qorti thoss illi dan l-incident gara unikament minhabba agir volontarju tieghu u xejn aktar.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Angelo Pullicino hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sena (1) prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**